MALTA

ATT Nru. XXXIII ta' l-1997

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex jirregola t-Telekomunikazzjoni.

ACT No. XXXIII of 1997

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to regulate Telecommunications.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

UGO MIFSUD BONNICI
President

30 ta' Diċembru, 1997

ATT Nru. XXXIII ta' l-1997

ATT biex jirregola t-Telekomunikazzjoni.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

TAQSIMA I

PRELIMINARI

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1997 biex jirregola t-Telekomunikazzjoni.

(2) Dan l-Att għandu jibda jseħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għat-telekomunikazzjonijiet jista' b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi, u jistgħu jiġu hekk stabbiliti dati differenti għal dispożizzjonijiet differenti jew għal għanijiet differenti ta' dan l-Att.

Tifsir.

2. F'dan l-Att, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra –

"apparat" tfisser kull tagħmir, strument jew apparat ieħor li jintuża fil-provdiment, jew fir-riċezzjoni, ta' servizzi ta' telekomunikazzjoni, u tinkludi kull oġġett imwaħħal miegħu jew aċċessorji miegħu;

"awtorizzazzjoni" tinkludi kull liċenza jew permess maħruġ taħt dan l-Att sabiex tiġi installata jew imħaddma infrastruttura tat-telekomunikazzjonijiet jew sabiex jiġi pprovdut servizz ta' telekomunikazzjonijiet kif ukoll ir-reġistrazzjoni ta' persuna li tkun tawtorizza lil dik il-persuna li taġixxi kif imsemmi qabel taħt l-artikolu 12 ta' dan l-Att;

"provditur awtorizzat" tfisser kull persuna li jkollha liċenza jew permess validi sabiex iħaddmu infrastruttura ta' telekomunikazzjonijiet jew jipprovdu servizz ta' telekomunikazzjonijiet taħt dan l-Att, jew li jkun reġistrat taħt dan l-Att bħala persuna li tkun awtorizzata kif imsemmi qabel;

"Bord" tfisser il-Bord ta' l-Appelli dwar Telekomunikazzjonijiet imwaqqaf bl-artikolu 29 ta' dan l-Att;

"Korporazzjoni" tfisser il-Korporazzjoni Telemalta mwaqqfa
Kap 250. bl-Att dwar il-Korporazzjoni Telemalta;

"kumpannija msemmija" għandha t-tifsir lilha mogħti bl-artikolu 38 ta' dan l-Att;

"sistema elettro-manjetika" tfisser kull sistema li biha jistgħu jiġu trasmessi messaġġi jew ħsejjes jew xbihat bid-dawl jew viżwali permezz ta' fil li jkun attivat bl-elettriku jew b'*radio waves* jew b'kull enerġija oħra elettro-manjetika jew b'enerġija optika jew b'kombinazzjoni ta' żewġ sistemi jew iżjed bħal dawk;

"frekwenza" tfisser l-għadd ta' ċikli sħaħ fis-sekonda ta' mewġa ta' spektrum radjuattiv;

"mogħtija" jew "maħruġa", dwar awtorizzazzjoni, tinkludi li titqies li din tingħata jew tinħareġ;

"messaġġ" tinkludi komunikazzjoni;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għat-telekomunikazzjonijiet, u tinkludi kull Ministru ieħor minnu delegat għal dak l-għan;

"data operattiva" għandha t-tifsira lilha mogħtija bl-artikolu 36 ta' dan l-Att;

"servizz ieħor" tfisser servizz ta' telekomunikazzjoni li ma jkunx servizz ta' telekomunikazzjoni pubbliku;

"persuna" tinkludi kull korp ġuridiku u kull għaqda ta' persuni sew jekk din ikollha personalità legali distinta minn dik tal-membri tagħha;

"preskritta" tfisser preskritta b'regolamenti magħmulin taħt dan l-Att;

"infrastruttura ta' telekomunikazzjonijiet privati" tfisser infrastruttura ta' telekomunikazzjonijiet utilizzata minn provditur awtorizzat sabiex jipprovdi servizzi ta' telekomunikazzjonijiet privati biss;

"servizz ta' telekomunikazzjonijiet privati" tfisser servizz ta' telekomunikazzjoni provdut minn provditur awtorizzat għall-użu tiegħu nnifsu fuq infrastruttura ta' telekomunikazzjonijiet;

"art pubblika" tinkludi kull art li tintuża jew li tkun maħsuba li tintuża mill-pubbliku kollu, kif ukoll l-ibħra territorjali ta' Malta;

"infrastruttura ta' telekomunikazzjonijiet pubbliċi" tfisser infrastruttura ta' telekomunikazzjonijiet li ma tkunx infrastruttura ta' telekomunikazzjonijiet privata;

"servizz ta' telekomunikazzjonijiet pubbliċi" tfisser servizz ta' telekomunikazzjonijiet li ma jkunx servizz ta' telekomunikazzjoni privat provdut minn provditur awtorizzat fuq infrastruttura ta' telekomunikazzjonijiet;

"Regolatur" tfisser ir-Regolatur tat-Telekomunikazzjonijiet hekk imsemmi taħt l-artikolu 3 ta' dan l-Att u, fil-limitu ta' l-awtorità mogħtija, tinkludi lil kull persuna minnu awtorizzata għal kull għan;

"kummerċ relevanti" għandha t-tifsira lilha mogħtija bl-artikolu 40 ta' dan l-Att;

"telekomunikazzjonijiet" tfisser li tibgħat, tittrasmetti, tgħaddi minn kanali u tirċievi sinjali, messaġġi, ħsejjes jew xbihat bid-dawl jew viżwali, permezz ta' sistema elettro-manjetika, inkluż *cable television* u *pay-per-view television*, iżda eskluż xandir kif imfisser fl-Att ta' l-1991 dwar ix-Xandir; Att XII ta' l-1991.

"infrastruttura ta' telekomunikazzjoni" tfisser il-komponenti fiżiċi sottostanti li jkunu jikkostitwixxu sistema elettro-manjetika maħsuba għal servizzi ta' telekomunikazzjonijiet u kapaċità trasmissiva, liema sistema tkun limitata bil-punti konnettivi meħtieġa;

"servizz ta' telekomunikazzjonijiet" tfisser xi wieħed jew iktar minn dan li ġej:–

(a) servizz li jkun jikkonsisti fit-trasmissjoni, permezz ta' infrastruttura ta' telekomunikazzjonijiet ta' kull għamla ta' telekomunikazzjonijiet, mingħajr ma jitqies x'ikun il-kontenut tal-messaġġi trasmessi;

(b) servizz ta' informazzjoni ta' direttorju li jkun jikkonsisti fil-provdiment b'kull mezz li jkun ta' informazzjoni ta' direttorju bil-għan li jiġi faċilitat l-użu ta' servizz li jkun fit-termini tal-paragrafu (a) ta' din it-tifsira u jiġi provdut permezz ta' dik is-sistema;

(ċ) servizz li jkun jikkonsisti fl-istallazzjoni, manutenzjoni, thaddim, irranġar, tiswija, tibdil, ċaqliq, tneħħija jew sostituzzjoni ta' infrastruttura ta' telekomunikazzjonijiet;

"telegrafija" tfisser it-trasmissjoni ta' messaġġi minn post għall-ieħor permezz ta' sistema elettro-manjetika, iżda ma tinkludix messaġġi mitkellma;

"telefonija" tfisser it-trasmissjoni ta' messaġġi mitkellma permezz ta' sistema elettro-manjetika;

"*telex*" tfisser sistema ta' telegrafija li biha l-messaġġ jiġi trasmess direttament bejn it-trasmittent u r-riċevitur;

"trasmissjoni" tinkludi li tibgħat, *switching* u riċezzjoni;

"obbligu ta' servizz universali" tfisser obbligu biex tipprovdi servizzi ta' telekomunikazzjonijiet li jissemmew mir-Regolatur bħala servizzi bażiċi għal għanijiet soċjali bi prezz baxx jew għal kollox b'xejn.

TAQSIMA II

REGOLAMENT TA' TELEKOMUNIKAZZJONIJIET

1. Regolatur tat-Telekomunikazzjonijiet

Ħatra ta' Regolatur.

3. (1) Ikun hemm Regolatur tat-Telekomunikazzjonijiet, li jkun uffiċjal pubbliku li hekk jinħatar mill-Prim Ministru.

(2) Fit-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu taħt dan l-Att, jew taħt kull liġi oħra, ir-Regolatur ikun mgħejjun minn dak il-*personnel* fis-servizz pubbliku, jew li jkun xort'oħra impjegat għal dak l-għan, hekk kif jista' jitqies li jkun xieraq mill-awtoritajiet kompetenti u hekk kif jista' jinħatar jew jiġi impjegat jew imqabbad jagħmel xogħol skond ir-regoli u l-proċeduri li japplikaw għal dan.

Funzjonijiet tar-Regolatur.

4. (1) Tkun il-funzjoni tar-Regolatur li jirregola, jissorvelja u josserva t-telekomunikazzjonijiet u li jiżgura li l-infrastruttura tat-

telekomunikazzjonijiet tiġi installata u mħaddma u li jiġu provduti servizzi ta' telekomunikazzjonijiet għall-benefiċċju tal-utenti tat-telekomunikazzjonijiet wara li tiġi ikkunsidrata sew il-vijabilità kummerċjali ta' provdituri awtorizzati, u skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.

(2) Tkun ir-responsabbiltà tar-Regolatur li jiżgura t-tħaris tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u ta' kull liġi relevanti oħra, u huwa jista' joħroġ dawk id-direttivi li jista' jqis meħtiega għal dak l-għan.

(3) Ir-Regolatur għandu jkollu wkoll dawk il-funzjonijiet, responsabbiltajiet u setgħat oħra hekk kif inhuma stabbiliti f'dan l-Att jew hekk kif jistgħu jiġu lilu mogħtija b'xi liġi oħra jew taħtha.

2. Awtorizzazzjoni għal infrastrutturi jew servizzi ta' telekomunikazzjonijiet

Ħtieġa ta' awtorizzazzjoni.

5. (1) Hadd ma jista' jinstalla jew iħaddem infrastruttura ta' telekomunikazzjonijiet jew jipprovdi servizz ta' telekomunikazzjonijiet f'Malta kemm-il darba ma jkunx provditur awtorizzat.

(2) M'għandhiex awtorizzazzjoni mogħtija lil xi ħadd taħt dan l-Att, teħles lil dik il-persuna mill-ħtieġa ta' xi liċenza oħra, permess ieħor jew awtorizzazzjoni oħra, jew minn kull obbligu li joħroġ minn kull liġi oħra:

Iżda, sal-limitu li tkun meħtieġa bil-għan ta' xi installazzjoni, tħaddim jew provdiment kif imsemmi qabel minn provditur awtorizzat, awtorizzazzjoni mogħtija taħt dan l-Att għandha titqies bħal li tinkludi liċenza maħruġa taħt l-artikolu 3 ta' l-Ordinanza dwar it-Telegrafija mingħajr Fili, u dik il-liċenza għandha titqies bħala li tkun inħarġet taħt dan l-Att u għandha tiġi regolata skond hekk.

Kap. 49.

Kif tingħadda l-awtorizzazzjoni minn persuna għall-oħra

6. (1) Ebda liċenza, awtorizzazzjoni jew awtorizzazzjoni oħra ma jistgħu jiġu trasferiti jew mogħtija mill-provditur awtorizzat lil persuna oħra mingħajr il-kunsens li jingħata bil-quddiem u bil-miktub mir-Regolatur.

(2) Ir-Regolatur jista' jiċħad il-kunsens tiegħu taħt dan l-artikolu għal raġuni tajba biss, liema ċaħda tal-kunsens għandha tingħata bil-miktub.

(3) Meta l-provditur awtorizzat ikun korp ġuridiku jew għaqda ta' persuni oħra, bidla fil-kontroll tal-proprjetà jew fit-tmexxija ta' dak il-korp tkun ekwivalenti għat-trasferiment ta' l-awtorizzazzjoni, u tkun suġġetta għall-kunsens bil-quddiem tar-Regolatur kif imsemmi qabel.

Applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni.

7. (1) Kull min ikun irid li tinħariġlu awtorizzazzjoni permezz ta' liċenza jew permess, għandu japplika lir-Regolatur fuq dik il-formola u b'dak il-mod hekk kif jista' jiġi preskritt, jew hekk kif jista' jiġi provdut jew meħtieġ mir-Regolatur, u għandu jipprovdi lir-Regolatur dak it-tagħrif kollu li jista' jiġi hekk preskritt u hekk kif ir-Regolatur jista' raġonevolment jeħtieġ sabiex ikun jista' jikkunsidra dik l-applikazzjoni.

(2) L-applikazzjoni għandha b'mod partikolari tispeċifika l-infrastruttura tat-telekomunikazzjonijiet jew is-servizz jew servizzi li dwarhom issir l-applikazzjoni.

(3) Malli r-Regolatur tasallu applikazzjoni hekk kif imsemmija qabel, huwa għandu jara li tiġi pubblikata fil-Gazzetta t-tagħrifa li tkun saret applikazzjoni, billi jagħti dawk id-dettalji li jistgħu jkunu xierqa sabiex kull min ikun irid jikkontestaha jkun jista' joġġezzjona dwarha jew inkella jagħmel xi sottomissjoni oħra.

(4) Ir-Regolatur għandu jikkunsidra l-applikazzjoni wara li jkun għamel kull investigazzjoni meħtieġa u qies kull kontestazzjoni jew sottomissjoni li setgħet saret dwarha, u jista' għal dak il-għan jeħtieġ minn kull persuna kull informazzjoni ulterjuri li jista' jqis li tkun meħtieġa.

(5) Kull m'għandu jsir taħt dan l-artikolu għandu jsir b'dik l-għamla u b'dak il-mod u f'dak iż-żmien li jista' jiġi hekk preskritt.

Għoti jew rifjut ta' awtorizzazzjoni.

8. (1) Ir-Regolatur għandu jtemm l-investigazzjonijiet fi żmien raġonevoli u għandu malli jsir dan jagħmel rapport u jippreżentah quddiem il-Ministru, u fih għandu jkun hemm ukoll rakkommandazzjoni dwar jekk ikollhiex tingħata jew le l-awtorizzazzjoni li dwarha tkun saret applikazzjoni.

(2) Jekk jiġi rakkomandat li l-awtorizzazzjoni għandha tingħata, u l-Ministru jkun jaqbel mar-rakkomandazzjoni, ir-Regolatur għandu japprova l-applikazzjoni u jagħti l-liċenza jew il-permess bil-firma tiegħu.

(3) Jekk ir-Regolatur ikun tal-fehma li l-applikazzjoni għandha tiġi miċħuda għal xi waħda mir-raġunijiet stabbiliti fl-artikolu 9 ta' dan l-Att, huwa għandu jgħarraf lill-Ministru b'dan u jiċħad l-awtorizzazzjoni.

(4) Jekk ir-Regolatur jirrikmanda li l-applikazzjoni għandha tkun approvata iżda l-Ministru ma jkunx jaqbel ma' dik ir-rakkomandazzjoni għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 9 ta' dan l-Att, l-applikazzjoni għandha tiġi miċħuda iżda l-Ministru għandu jgħarraf bil-miftuħ ir-raġunijiet għaliex ikun ħa dik id-deċiżjoni.

Raġunijiet għar-rifjut.

9. (1) Ir-Regolatur jista' jiċħad li jawtorizza lil xi persuna tinstalla jew tħaddem infrastruttura ta' telekomunikazzjonijiet jew li tipprovdi servizz ta' telekomunikazzjonijiet jekk ikun tal-fehma li l-għoti ta' l-awtorizzazzjoni tkun waħda li –

(a) tmur kontra l-interess pubbliku, jew li ma tkunx konsistenti mal-*policy* tal-Gvern, u l-Ministru jkun jaqbel ma' dan;

(b) tkun inkonsistenti mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' kull liġi oħra, jew ma' kull obbligu internazzjonali sottoskritt jew li jkun se jiġi sottoskritt minn Malta:

(ċ) tipperikola jew iddejjaq lill-pubbliku jew li tagħmel ħsara lil xi proprjetà, jew li tostruwixxi jew tinterferixxi ma' xi sistema jew *network* tat-telekomunikazzjonijiet li jkunu qed jitħaddmu skond il-liġi.

(2) Ir-Regolatur jista' wkoll jiċħad l-għoti ta' awtorizzazzjoni li tkun saret applikazzjoni dwarha jekk ikollu għaliex jaħseb li l-applikant ma jkunx persuna sewwa u idonea sabiex ikollha dik l-awtorizzazzjoni li tkun applikat għaliha, jew li ma tkunx f'pożizzjoni, minħabba fiċ-ċirkostanzi finanzjarji, u dawk oħra speċifiċi ta' l-applikant, li tħares id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' kull regolament magħmul taħtu jew il-kondizzjonijiet tal-liċenza jew tal-permess jekk dan jingħata.

(3) Ir-Regolatur għandu jgħarraf bil-miktub lill-applikant bid-deċiżjoni li jiċħad l-applikazzjoni u huwa għandu fil-qosor ifisser bil-miktub ir-raġunijiet għal din id-deċiżjoni.

Appelli dwar l-għoti jew iċ-ċaħda.

10. (1) Hemm id-dritt ta' appell fil-Bord ta' l-Appelli dwar Telekomunikazzjonijiet, kif provdut fl-artikolu 29 ta' dan l-Att, minn kull deċiżjoni dwar l-għoti jew iċ-ċaħda ta' awtorizzazzjoni skond id-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-Att.

(2) Meta tkun ġiet rifjutata awtorizzazzjoni bħal dik imsemmija, min japplika jkollu l-jedd ta' appell; u meta l-awtorizzazzjoni tkun ingħatat, ikollu l-jedd ta' appell kull min ikun ressaq xi kontestazzjoni bil-miktub quddiem ir-Regolatur kif provdut fl-artikolu 7 ta' dan l-Att.

Kondizzjonijiet tal-liċenza u esklużività.

11. (1) Awtorizzazzjoni għall-installazzjoni jew it-tħaddim ta' infrastruttura ta' telekomunikazzjonijiet jew għall-provdiment ta' servizz ta' telekomunikazzjonijiet mogħti taħt l-artikolu 8 ta' dan l-Att jista' jingħata għal żmien indefinit jew għal dak iż-żmien, li jista' jiġġedded, hekk kif jista' jiġi speċifikat fil-liċenza jew fil-permess li jkun fihom l-awtorizzazzjoni, u tista' tiġi suġġetta għal dawk il-patti, kondizzjonijiet u limitazzjonijiet jew restrizzjonijiet li jistgħu hekk jiġu speċifikati.

(2) Awtorizzazzjoni li tingħata kif imsemmi qabel tista' tingħata b'dawk il-jeddijiet esklusivi ħekk kif ir-Regolatur jista', bi ftehim mal-Ministru, jispeċifika fl-awtorizzazzjoni:

Iżda ebda jedd esklusiv ma jista' jingħata, jew ikollu seħħ, wara s-sena 2010.

Reġistrazzjoni ta' servizzi.

12. (1) Min ikun jixtieq jipprovdi xi servizz ieħor għandu jirreġistra din it-talba għand ir-Regolatur.

(2) Ir-reġistrazzjoni ssir fl-għamla ta' avviż mogħti bil-miktub lir-Regolatur li jkun fih dik l-informazzjoni li tkun tippermetti lir-Regolatur jistabbilixxi x-xorta tas-servizz, jiġi identifikat il-provditur tas-servizz, fejn fil-pajjiż ikun se jiġi provdut is-servizz, it-tagħmir li jkun qed jiġi propost għas-servizz, u kull tagħrif ieħor li jista' jiġi preskritt jew ħekk kif jista' jenħtieġ mir-Regolatur.

Għanijiet speċjali ta' provdituri awtorizzati ta' l-infrastruttura tat-telekomunikazzjonijiet pubbliċi.

13. Min ikun awtorizzat bis-saħħa ta' l-artikolu 8 ta' dan l-Att li jħaddem infrastruttura ta' telekomunikazzjonijiet pubblika għandu jħares, flimkien mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u ta' kull regolament magħmul bis-saħħa tiegħu, kif ukoll mal-patti u l-kondizzjonijiet tal-liċenza, kull direttiva li tinħareġ mir-Regolatur bil-għan illi:–

(a) jiġi żgurat li l-kapaċità, kwantità u fattizzi tal-infrastruttura tkun biż-żejjed biex jipprovdu u jimmantjenu infrastruttura ta' telekomunikazzjonijiet effiċjenti;

(b) jiġi żgurat li l-infrastruttura tkun biż-żejjed għal u kompatibbli ma' dawk is-servizzi ta' telekomunikazzjonijiet internazzjonali ħekk kif jista' jiġi speċifikat mir-Regolatur;

(ċ) jsir provvediment dwar is-sigurtà ta' l-infrastruttura u ta' kull estensjoni tagħha.

Għanijiet speċjali ta' provdituri awtorizzati tas-servizz tat-telekomunikazzjonijiet pubbliċi.

14. Min ikun awtorizzat bis-saħħa ta' l-artikolu 8 ta' dan l-Att li jipprovdi servizz ta' telekomunikazzjonijiet pubbliċi għandu–

(a) jagħmel disponibbli lil dawk is-servizzi kollha ħekk kif jistgħu jiġu raġonevolment provduti lil kull min ikun jixtieq jabbona f'dawk is-servizzi;

(b) jiżgura li kull rata, ħlas, prattika u klassifika jkunu ġusti u ragonevoli;

(ċ) jipprovdi dawk is-servizzi b'mod effiċjenti, billi jitħarsu l-livelli tal-kwalità ġeneralment adottati fl-industrija;

(d) javża lir-Regolatur u jippubblika permezz ta' avviż fil-*media* meta s-servizzi jkunu ser jiġu mwaqqfin temporanjament minħabba fl-installazzjoni jew it-tiswija jew il-tibdil ta' xi tagħmir;

(e) jistabbilixxi mekkaniżmu effiċjenti sabiex jidħlu l-ilmenti u jiġu msewwija l-ħsarat fin-*network* tiegħu u fis-servizzi provduti;

(f) iħares id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u ta' kull regolament li jsir bis-saħħa tiegħu kif ukoll il-patti u l-kondizzjonijiet ta' l-awtorizzazzjoni; u jimxi skond kull direttiva tar-Regolatur hekk kif jista' jkun awtorizzat li joħroġ b'dan l-Att jew bis-saħħa tiegħu.

Mekkaniżmi għal rati.

15. (1) Ikun hemm mekkaniżmi għal rati dwar dawk il-ħlasijiet li jkollhom isiru għal servizzi ta' telekomunikazzjonijiet u dawk il-mekkaniżmi għal rati għandhom ikunu tali hekk kif jistgħu jiġu stabbiliti mir-Regolatur u ppubblikati fil-Gazzetta.

(2) Provditur awtorizzat għandu jissottometti r-rati li jkun qed jipproponi li jitlob dwar kull servizz li jkun awtorizzat jipprovdi, lir-Regolatur għall-approvazzjoni tiegħu.

(3) Jekk ir-Regolatur japprova dawk ir-rati proposti, huwa għandu jikkomunika dik l-approvazzjoni lill-provditur awtorizzat, u dawk ir-rati jkunu r-rati li l-provditur awtorizzat ikun jista' jitlob.

(4) Jekk ir-Regolatur ma japprovax ir-rati proposti huwa għandu javża b'dan lill-provditur awtorizzat billi jelenka r-raġunijiet għal dik iċ-ċaħda; u l-provditur awtorizzat jista' jew jappella minn dik id-deċiżjoni lill-Bord ta' l-Appelli dwar Telekomunikazzjonijiet, taħt l-artikolu 29 ta' dan l-Att jew inkella jipproponi rati oħra li jkunu aċċettabbli għar-Regolatur:

Iżda jekk avviż ta' ċaħda ma jkunx ġie notifikat fi żmien tletin jum wara s-sottomissjoni tagħhom, ir-rati sottomessi għandhom jitqiesu li jkunu ġew approvati.

(5) Provditur awtorizzat ta' servizzi ta' telekomunikazzjonijiet għandu jibgħat lir-Regolatur, u r-Regolatur għandu jirreġistra, kemm-il darba ma jirrifjutax xi waħda minnhom, il-patti u l-kondizzjonijiet, inklużi tariffi approvati, għall-provdiment ta' dawk is-servizzi; u malli ssir ir-reġistrazzjoni, dawk il-patti u kondizzjonijiet li jkunu ġew hekk reġistrati għandhom ikunu vinkolanti fuq il-provditur awtorizzat u fuq kull min jaċċetta l-provdiment ta' dak is-servizz:

Iżda dawk il-patti u kondizzjonijiet, inklużi tariffi approvati, jistgħu jinbidlu minn żmien għal żmien, bla ħsara għal kull approvazzjoni li ssir mir-Regolatur u li tkun meħtieġa b'dan l-artikolu u għar-reġistrazzjoni tagħhom mir-Regolatur:

Iżda wkoll, kull rifjut ta' patt jew kondizzjoni mir-Regolatur kif provdut f'dan is-subartikolu tkun suġġetta wkoll għal appell u d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu għandhom ikunu japplikaw *mutatis mutandis*.

(6) Il-patti u l-kondizzjonijiet reġistrati mir-Regolatur skond dan l-artikolu għandhom ikunu aċċessibbli għal spezzjon pubbliku waqt il-ħinijiet tax-xogħol normali.

(7) Min ikun awtorizzat li jipprovdi servizz ta' telekomunikazzjonijiet ma jistax jieħu sehem f'xi sussidjar reċiproku dwar dawk is-servizzi li jkun qed jipprovdi b'kompetizzjoni ma' provdituri awtorizzati oħra, jew lil ażjendi sussidjarji jew affiljati.

(8) Meta tinkiser xi waħda mid-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (7) ta' dan l-artikolu, dik il-kontravenzjoni għandha tiġi esklusivament trattata mir-Regolatur irrispettivament jekk tikkostitwixxix kompetizzjoni inġusta għall-għanijiet ta' l-Att ta' l-1994 dwar il-Kompetizzjoni. Ir-Regolatur jista' jikkonsulta ruħu mal-Kummissjoni għall-Kummerċ Ġust dwar il-miżuri li jkollhom jiġu adottati fiċ-ċirkostanzi; u l-provditur awtorizzat għandu jikkonforma ruħu ma' kull direttiva li r-Regolatur jista' joħroġ dwar dan.

Att XXXI ta' l-1994.

(9) L-obbligi u d-dmirijiet tal-provdituri awtorizzati kif stipulati f'dan l-Att ikunu bla ebda preġudizju għal kull patt jew kondizzjoni li tinsab fl-awtorizzazzjoni li żżid xi obbliġu jew dmir fuq il-provditur awtorizzat, u kull obbligu jew dmir addizzjonali bħal dawk għandhom ikunu jseħħu bħallikieku dawn ikun ġew imqegħda b'dan l-Att.

Tmiem ta' l-awtorizzazzjoni.

16. Awtorizzazzjoni mogħtija taħt dan l-Att għandha ttemm, u tieqaf milli tibqa' valida, kollha kemm hi jew f'parti minnha skond il-ħtieġa tal-każ, meta–

(a) jintemm iż-żmien speċifikat fl-awtorizzazzjoni;

(b) jiġri avveniment jew ċirkostanza li skond l-awtorizzazzjoni jkunu kaġun tat-tmiem tagħha;

(ċ) issir rinunzja għaliha mid-detentur ta' l-awtorizzazzjoni;

(d) issir ir-revoka tagħha mir-Regolatur;

(e) jkun hemm insolvenza, likwidazzjoni jew falliment tal-provditur awtorizzat, jew kompożizzjoni mal-krediturі ta' dak il-provditur.

Revoka ta' awtorizzazzjoni.

17. (1) Awtorizzazzjoni mogħtija taħt dan l-Att tista' tiġi revokata mir-Regolatur bl-approvazzjoni tal-Ministru, sew kollha kemm hi jew f'parti minnha, għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet:

(a) jekk l-awtorizzazzjoni tkun ingħatat minħabba f'tagħrif li ma kienx sħiħ jew li kien mhux korrett f'xi dettal partikolari;

(b) jekk il-provditur awtorizzat jonqos milli jagixxi dwar l-awtorizzazzjoni għal żmien ta' iżjed minn 180 jum mid-data tal-ħruġ ta' l-awtorizzazzjoni, jew inkella jissospendi dik l-attività għal perijodu ta' iżjed minn 180 jum:

Iżda r-Regolatur jista' jtawwal iż-żmien imsemmi qabel għal raġuni tajba u valida;

(ċ) jekk il-provditur awtorizzat jikser xi obbligu impost minn jew taħt dan l-Att jew li jkun jinsab fl-awtorizzazzjoni li fil-fehma tar-Regolatur tkun daqstant importanti li tkun tiġġustifika r-revoka ta' l-awtorizzazzjoni, u, meta l-ksur ikun jista' jitranġa, il-provditur awtorizzat ikun naqas milli jirranġa l-ksur f'dak iż-żmien raġonevoli li r-Regolatur seta' kien taħ għal dak il-għan;

(d) il-grajja ta' xi avveniment jew ċirkostanza li, skond l-awtorizzazzjoni, tkun tawtorizza lir-Regolatur li jirrevokaha;

u mar-revoka, sħiħa jew parzjali, l-awtorizzazzjoni ttemm milli tibqa' awtorizzazzjoni valida.

(2) Kull meta r-Regolatur iqis li jkun hemm raġuni biżżejjed għar-revoka ta' awtorizzazzjoni, huwa jista' jissospendi dik l-awtorizzazzjoni iżda, qabel kull revoka, huwa għandu jgħarraf lill-provditur awtorizzat bl-intenzjonijiet tiegħu u bir-raġunijiet relattivi, b'avviż bil-miktub, u jagħtih opportunità li jagħmel il-kontestazzjonijiet tiegħu b'dak il-mod u f'dak iż-żmien raġonevoli hekk kif jista' jiġi speċifikat fl-avviż. Ir-Regolatur jista' wkoll jitlob lill-provditur awtorizzat biex jirranġa kull ksur jew ħaġ'oħra fi żmien mogħti kif hawn aktar qabel imsemmi; u jekk il-ksur jiġi rranġat fiż-żmien imsemmi, u b'sodisfazzjon tar-Regolatur, l-awtorizzazzjoni m'għandhiex tiġi revokata.

(3) Ir-revoka ta' awtorizzazzjoni m'għandhiex teħles lill-provditur awtorizzat minn kull responsabbiltà li jkun daħal fiha qabel ir-revoka u li titnissel minn xi avveniment li jkun ġara qabel ir-revoka.

3. Dispożizzjonijiet Ġenerali li Japplikaw għal Provdituri Awtorizzati

Frekwenzi.

18. (1) Kull provditur awtorizzat li jkun jeħtieġ l-allokazzjoni ta' xi frekwenza għandu japplika għal dik il-liċenza jew awtorizzazzjoni oħra hekk kif jista' jkun meħtieġ għal dak l-għan taħt l-Ordinanza dwar it-Telegrafija mingħajr Fili.

(2) Kull obbligu, kondizzjoni jew limitazzjoni mposti minn jew taħt l-Ordinanza msemmija f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-allokazzjoni jew mat-tmexxija ta' xi frekwenza għall-provdiment ta' servizz ta' telekomunikazzjonijiet skond dan l-Att għandhà titqies, bla preġudizzju għal xi ħaġa li tinsab f'dik l-Ordinanza, bħala obbligu, kondizzjoni u limitazzjoni mposti b'dan l-Att.

Pjan numeriku.

19. (1) Ir-Regolatur għandu jistabbilixxi pjan numeriku għal servizzi ta' telekomunikazzjoni kif ukoll jalloka numri lil provdituri awtorizzati skond hekk.

(2) Il-pjan numeriku jista' jinbidel jew jiġi modifikat mir-Regolatur hekk kif huwa jista' minn żmien għal żmien iqis li jkun meħtieġ jew xieraq u n-numri hekk allokati jistgħu jiġu rtirati u allokati mill-ġdid sabiex iwettqu kull bidla jew modifika bħal dik:

Iżda m'għandu jiġi kaġunat ebda preġudizzju mhux dovut b'dan kollu għal provdituri awtorizzati.

(3) Ebda provditur mhux awtorizzat m'għandu juża xi sistema numerika għall-provdiment ta' servizzi ta' telekomunikazzjonijiet b'xi xort'oħra li ma tkunx skond l-allokazzjoni magħmula taħt dan l-artikolu.

Interkumnikazzjoni.

20. (1) Provditur awtorizzat għandu jħalli lil provditur awtorizzat ieħor li jagħmel interkumnikazzjoni ma' l-infrastruttura tiegħu nnifsu.

(2) Il-patti u l-kondizzjonijiet li taħthom tiġi permessa interkumnikazzjoni bħal dik għandhom ikunu xi ħaġa li dwarha jiftehmu l-partijiet; iżda fin-nuqqas ta' ftehim bħal dak fi żmien disgħin jum mid-data meta ssir talba għal interkumnikazzjoni, il-provditur li jkun qed jeħtieġ l-interkumnikazzjoni jista' jirreferi l-kwistjoni lir-Regolatur taħt l-artikolu 22 ta' dan l-Att.

(3) Sabiex jiddeċiedi dwar xi tilwima bħal dik ir-Regolatur għandu jimxi skond dawn il-linji ta' direzzjoni:–

(a) Il-provditur awtorizzat li jkun qed jipprovdi l-interkumnikazzjoni għandu jiġi permess illi–

(i) jiġbor lura kull nefqa allokata sħiħa għal dak il-provdiment fuq bażi ta' storja kif ukoll ħlas lura addizjonali fuq il-kapital imħaddem;

(ii) jiġbor lura kull nefqa li tkun saret għal darba waħda biss u magħmula fil-provdiment ta' l-interkumnikazzjoni meħtieġa;

(iii) jagħmel dawk il-ħlasijiet għall-użu li jkollhom x'jaqsmu ma' l-utilizzazzjoni ta' l-infrastruttura u l-elementi u riżorsi tan-*network* li jkunu meħtieġa, u dawk il-ħlasijiet ikunu jinkludu ħlasijiet bażati fuq il-kapaċità u/jew ħlasijiet relatati mat-traffiku.

(b) Provdituri awtorizzati jistgħu ma jenħtieġux li jibnu xi infrastruttura ta' interkumnikazzjonijiet esklusivament bil-għan li jagħmlu l-interkumnikazzjoni meħtieġa, iżda jistgħu jinħtieġu jagħmlu dawk l-estensjonijiet limitati għall-infrastrutturi tagħhom hekk kif jista' jkun raġonevolment meħtieġ għal dak l-għan.

Spezzjon u sorveljar.

21. (1) Kull provditur awtorizzat għandu jippermetti lir-Regolatur, u lil kull persuna minnu awtorizzata għal dak l-għan, dak id-dħul ġewwa xi fond, installazzjoni, inkartamenti, *records* tal-kontijiet u kull tagħrif ieħor li jkun taħt il-kontroll tal-provditur hekk kif jista' jkun raġonevolment meħtieġ mir-Regolatur, li jkun meħtieġ li jsir matul il-ħinijiet tax-xogħol normali bil-għan li tiġi investigata kull ħaġa li jkollha x'taqsam mat-tħaris ta' dan l-Att, ta' kull regolament li jsir bis-saħħa tiegħu u ta' kull patt u kondizzjoni tal-liċenza jew ta' kull direttiva maħruġa jew mogħtija mir-Regolatur jew sabiex tiġi żgurata dik il-konformità.

(2) Ir-Regolatur għandu jagħti avviż ta' ħmistax-il jum lill-provditur awtorizzat dwar kull intenzjoni li jaġixxi skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, billi jagħti r-raġunijiet tiegħu għal dik it-talba:

Iżda dan is-subartikolu ma jkunx japplika meta d-dħul għal ġo installazzjoni jkun meħtieġ b'mod urġenti sabiex ma titħalliex li ssir jew titneħħa xi interferenza ma' servizz ta' telekomunikazzjonijiet jew xi ħsara lil persuni jew lill-proprjetà.

(3) Meta provditur awtorizzat ikun jixtieq li xi tagħrif mgħoddi minnu għandu jiġi trattat b'mod kunfidenzjali mir-Regolatur, huwa għandu jissottometti dik l-informazzjoni magħluqa u ssiġillata u jitlob lir-Regolatur li jittrattaha bħala tali. Ir-Regolatur għandu jħares din it-talba kemm-il darba huwa ma jqisx li l-kunfidenzjalità meħtieġa ma tkunx waħda prattika fil-qies tal-ħtiġiet ta' dan l-Att jew ta' kull regolament magħmul bis-saħħa tiegħu jew ta' kull liġi oħra.

Risolviment ta' tilwim mir-Regolatur.

22. (1) Meta tqum tilwima bejn provditur awtorizzat u provditur ieħor awtorizzat jew kull persuna oħra dwar xi infrastruttura jew servizz ta' telekomunikazzjonijet, dik il-kwistjoni tista' tiġi riferita lir-Regolatur minn min ikun minn dawk il-persuni.

(2) Malli tiġi riċevuta xi referenza bħal dik imsemmija, jew malli xort'oħra isir jaf b'xi tilwima bħal dik li huwa jħoss li għandha tiġi investigata, ir-Regolatur għandu javża lill-partijiet involuti li l-kwistjoni tkun qegħda tiġi investigata u jippermettilhom żmien raġonevoli li fih huma jipprovdu t-tagħrif relevanti u jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom.

(3) Wara li jkun debitament eżamina u qies il-fatti miġjuba quddiemu u kull tagħrif ieħor hekk kif huwa jista' jeħtieġ, ir-Regolatur jista' joħroġ dawk id-direttivi li jista' jkollu s-setgħa li jagħmel u hekk kif jista' jidhirlu li jkun xieraq.

4. Interessi ta' l-Abbonati

Referenza ta' ilmenti lir-Regolatur.

23. (1) Ikun dmir ir-Regolatur li jħares l-interessi ta' l-abbonati f'servizz tat-telekomunikazzjonijiet.

(2) Kull min jabbona, jew ikun jixtieq jabbona f'servizz ta' telekomunikazzjonijiet provdut minn provditur awtorizzat jista' jitlob, permezz ta' applikazzjoni bil-miktub, lir-Regolatur sabiex jinvestiga kull ilment li jsir minn u li jkun jinsab f'dik l-applikazzjoni, dwar il-kwalità tas-servizz li jabbona jew ikun jixtieq jabbona fih, jew dwar il-patti u l-kondizzjonijiet li taħthom dak is-servizz ikun provdut jew dwar kull apparat lilu provdut jew akkwistat minnu f'dak li għandu x'jaqsam mas-servizz imsemmi.

(3) L-ilment għandu jiġi indirizzat lir-Regolatur u jkun fih dikjarazzjoni qasira li tkun tiġbor il-fatti kollha relevanti.

(4) L-ilment għandu jitwassal lill-provditur awtorizzat li jkun sar l-ilment dwaru, li jingħata opportunità li jagħmel il-kontestazzjonijiet tiegħu fi żmien raġonevoli hekk kif jista' jkun xieraq fiċ-ċirkostanzi.

(5) Ir-Regolatur mbagħad jeżamina l-ilment, u dawk il-fatti l-oħra li jista' jqis meħtieġa bil-għan li jasal għal konklużjoni u jista' jieħu dawk il-passi u joħroġ dawk id-direttivi li jkunu jaqgħu taħt is-setgħat tiegħu hekk kif iqis xieraq.

Sospensjoni tas-servizz lill-abbonati.

24. (1) Hlief kif provdut bi jew taħt dan l-Att, abbonat jew utent ieħor ta' servizz ta' telekomunikazzjonijiet ma jistax jiċċaħħad minn servizz provdut minn provditur awtorizzat, jew ikollu xi servizz bħal dak imwaqqaf.

(2) Dak is-servizz kif imsemmi jista' jiġi miċħud jew imwaqqaf għal xi raġuni permessa skond regolamenti magħmulin taħt dan l-Att jew li jkunu jinsabu fil-patti u l-kondizzjonijiet ta' servizz sottomessi u approvati mir-Regolatur.

Nullità ta' certi kundizzjonijiet.

25. Patt jew kondizzjoni għall-provdiment ta' servizz ta' telekomunikazzjonijiet, ukoll jekk abbonat ikun jaqbel magħhom, ikunu nulli u bla ebda effett jekk dawn ikunu inkonsistenti ma' xi dispożizzjoni ta' dan l-Att jew ta' xi regolamenti magħmulin taħtu jew mal-patti u kondizzjonijiet ta' l-awtorizzazzjoni li permezz tagħha ikun qed jiġi provdut is-servizz.

5. Aktar Funzjonijiet tar-Regolatur

Standardi u ttestjar ta' apparat.

26. (1) Ma jista' jiġi offrut għall-bejgħ, ipprovdut, installat jew użat ebda apparat minn xi persuna kemm-il darba dan ma jkunx konformi ma' xi standardi u speċifikazzjonijiet tekniċi hekk kif jistgħu jiġu preskritti u kemm-il darba ma jkunx ġie approvat individwalment jew skond approvazzjoni ta' tip mir-Regolatur jew minn xi enti rikonoxxuta bħala esperta f'din il-ħaġa li tkun ġiet awtorizzata mir-Regolatur sabiex tagħti dik l-approvazzjoni jew toħroġ approvazzjonijiet ta' tip.

(2) F'dan l-artikolu "approvazzjoni ta' tip" tfisser deskrizzjoni għal tip ta' apparat li jiġi approvat għall-għanijiet hemm speċifikati, u li jkun fih dawk id-dettalji li jistgħu jidentifikaw l-apparat hekk approvat.

(3) Ir-Regolatur jista' f'kull waqt jeħtieġ li apparat jiġi ttestjat f'dak il-lok u ħin u b'dak il-mod hekk kif huwa jista' jordna.

Kwalifiki.

27. (1) Hadd ma jista' jagħmel xogħlijiet jew iwettaq xi att ieħor, jew jiġi fdat li jagħmel dawk ix-xogħlijiet jew iwettaq dak l-att, għall-kostruzzjoni, tiswija, manutenzjoni, tibdil jew kontroll ta' xi infrastruttura ta' telekomunikazzjonijiet jew apparat simili kemm-il darba ma jkollux dawk il-kwalifiki biex iwettaq dawk ix-xogħlijiet jew jagħmel dak l-att li jista' jiġi preskritt.

(2) Regolamenti li jkunu jippreskrivu l-kwalifiki msemmija qabel jistgħu wkoll jispeċifikaw it-testijiet li għandhom isiru sabiex jiġi żgurat jekk persuna ikollhiex il-kwalifiki meħtieġa.

Sorveljar ta' żviluppi fit-telekomunikazzjonijiet.

28. (1) Ir-Regolatur jagħmel kull riċerka, studju u konsultazzjoni meħtieġa dwar xi għan wieħed jew iktar minn dawn li ġejjin:–

(a) is-sorveljar ta' żviluppi lokali u internazzjonali fil-qasam tat-telekomunikazzjonijiet;

(b) l-identifikar ta' mezzi sabiex titjieb l-effiċjenza u *standards* fit-telekomunikazzjonijiet;

(ċ) il-ko-operazzjoni ma' awtoritajiet ta' telekomunikazzjonijiet barranin;

(d) li jagħti pariri lill-Ministru fil-għemil ta' *policies* fil-qasam tat-telekomunikazzjonijiet.

(2) Bi ftehim mal-Ministru, ir-Regolatur jista' jagħmel dak kollu li jista' jqis li jkun meħtieġ jew xieraq biex jiżgura servizzi ta' telekomunikazzjonijiet adegwati u effiċjenti f'Malta.

6. Appelli

Bord ta' l-Appelli dwar Telekomunikazzjonijiet.

29. (1) Għandu jkun hemm Bord ta' l-Appelli dwar Telekomunikazzjonijiet, li jkun magħmul minn tliet membri, li minnhom wieħed, li jkun *chairperson*, ikun persuna li eżerċitat il-professjoni ta' avukat għal mhux inqas minn seba' snin.

(2) Il-membri tal-Bord jinħatru mill-Ministru għal perijodu li jiġi indikat fl-ittra tal-ħatra tagħhom, u jistgħu jiġu ħekk maħturin għal perijodi oħra ħekk kif il-Ministru jista' jqis li jkun xieraq.

(3) Membru tal-Bord jista' jiġi rikużat jew jastjeni għal xi waħda mir-raġunijiet li għalihom imħallef jista' jiġi rikużat jew jastjeni skond l-artikolu 734 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. F'kull każ bħal dak il-Ministru għandu jaħtar persuna, li jkollha l-kwalifiki ta' dak il-membru rikużat jew li jkun qed jastjeni, biex joqgħod bħala membru sostitut fuq il-Bord minflok dak il-membru.

Kap. 12.

(4) Membru tal-Kamra tad-Deputati jew ta' Kunsill Lokali jiġi skwalifikat milli jinħatar jew ikompli jkun membru tal-Bord għal daqstant żmien daqskemm huwa jdum f'dik il-kariga.

(5) Il-Ministru għandu jsemmi wkoll uffiċjal pubbliku sabiex dan iservi bħala Segretarju tal-Bord.

Appelli.

30. (1) Appell jista' jsir quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar Telekomunikazzjonijiet –

(a) skond l-artikolu 10 ta' dan l-Att;

(b) kontra kull nuqqas ta' approvazzjoni jew ċaħda taħt l-artikolu 15 ta' dan l-Att;

(ċ) kontra kull deċiżjoni li tirrevoka awtorizzazzjoni taħt l-artikolu 18 ta' dan l-Att;

(d) kontra kull deċiżjoni mogħtija mir-Regolatur f'xi tilwima bejn provdituri awtorizzati taħt l-artikolu 20 ta' dan l-Att;

(e) kontra deċiżjoni mogħtija mir-Regolatur minħabba f'tilwima ta' abbonat taħt l-artikolu 23 ta' dan l-Att;

(f) f'dawk il-każijiet li jistgħu jiġu hekk preskritti.

(2) Kull min ikun aggravat bid-deċiżjoni, jew skond ma hemm fl-artikolu 10 ta' dan l-Att, ikollu l-jedd ta' appell.

(3) Il-Bord għandu jagħti r-raġunijiet għad-deċiżjoni tiegħu u għandu jara li dawk id-deċiżjonijiet ikunu magħrufin fil-pubbliku u jista' jħalli barra, jekk jidhirlu li jkun hekk xieraq għal raġunijiet ta' konfidenzjalità kummerċjali, l-ismijiet tal-persuni involuti.

Setgħat u proċedura tal-Bord.

31. (1) Il-Bord ikun kompetenti li jisma' u jiddeċiedi kull appell li jsir quddiemu skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u ta' kull regolament magħmul taħtu; u bla ħsara għall-artikolu 32 ta' dan l-Att, id-deċiżjonijiet tal-Bord ikunu konklusivi u vinkolanti.

(2) Sabiex iwettaq il-funzjonijiet tiegħu, il-Bord jista' jħarrek lil kull persuna sabiex din tidher u tixhed quddiemu kif ukoll iġġib magħha dokumenti; iċ-*chairperson* ikollu dritt li jagħti l-ġurament. Il-Bord jista' wkoll jaħtar esperti biex jagħtu parir lill-Bord dwar kull punt tekniku li jista' jkollu rilevanza fid-deċiżjoni li jkun irid jagħmel.

(3) Għall-għanijiet imsemmija qabel, il-Bord għandu jkollu l-istess setgħat bħalma jappartjenu lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili skond il-liġi.

(4) Il-proċedura li għandha tiġi segwita quddiem il-Bord, iż-żmien li fih u l-mod kif appell quddiem il-Bord għandu jsir, għandhom ikunu dawk hekk kif jistgħu jiġu preskritti; u bla ħsara għal dak imsemmi, u għal kull dispożizzjoni applikabbli oħra ta' dan l-Att, il-Bord jista' jistabbilixxi l-proċedura tiegħu nnifsu.

Appell quddiem il-Qorti ta' l-Appell.

32. Parti f'appell quddiem il-Bord li thoss ruħha aggravata b'deċiżjoni tal-Bord, jew ir-Regolatur jekk dan iħoss ruħu mhux sodisfatt b'xi deċiżjoni bħal dik, jista' dwar kull punt ta' liġi jagħmel appell quddiem il-Qorti ta' l-Appell permezz ta' rikors li jiġi preżentat fir-reġistru ta' dik il-Qorti, fil-każ ta' appell mir-Regolatur fi żmien tletin jum mid-data tad-deċiżjoni tal-Bord, u fil-każ ta' xi persuna oħra fi żmien tletin jum mid-data meta dik id-deċiżjoni tkun ġiet lilu notifikata.

7. Regolamenti

Setgħa ta' għemil ta' regolamenti.

33. (1) Il-Ministru jista', sew bir-rakkomandazzjoni tar-Regolatur jew b'inizjattiva tiegħu nnifsu, jagħmel regolamenti sabiex jagħti sehh aħjar lid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u b'mod partikolari, iżda bla ebda preġudizzju għall-ġeneralità ta' dak imsemmi qabel, sabiex jipprovdi dwar —

(a) il-mod kif infrastruttura jew apparat tat-telekomunikazzjonijiet għandu jiġi installat, imħaddem, mantnut, protett jew kontrollat;

(b) l-istandardi tekniċi jew speċifikazzjonijiet li jkollhom jiġu osservati dwar l-infrastruttura jew apparat ta' telekomunikazzjonijiet;

(ċ) il-miżuri li jkollhom jittieħdu sabiex tiġi żgurata konformità ma' standardi jew tagħmir internazzjonali jew ta' xort'oħra wżati fl-industrija tat-telekomunikazzjonijiet, b'mod partikolari dawk stabbiliti bl-*International Telecommunications Union* (ITU);

(d) il-mezzi li għandhom jintużaw u l-miżuri li jiġu adottati, sew bi projbizzjoni jew xort'oħra, sabiex tiġi żgurata s-sigurezza pubblika u privata u sabiex jiġi evitat kull periklu, ħsara jew ingombru;

(e) il-kwalità u standard ta' servizzi tat-telekomunikazzjonijiet li għandhom jiġu provduti minn provditur awtorizzat;

(f) it-twaqqif u manutenzjoni ta' servizz ta' għajnuna effiċjenti għall-abbonati;

(ġ) il-proċedura ta' ipproċessar ta' ilmenti li għandha tiġi adottata u mwettqa minn provdituri awtorizzati ta' servizz ta' telekomunikazzjonijiet;

(ħ) kull ħaġa li jkollha x'taqsam ma' l-interkumnikazzjoni ta' *networks* jew mal-infrastruttura tat-telekomunikazzjonijiet;

(i) kull ħaġa li jkollha x'taqsam mar-risolviment ta' tilwimiet kif provdut fl-artikolu 22 ta' dan l-Att.

(2) Regolamenti magħmulin taħt dan l-artikolu jistgħu wkoll —

(a) jeħtieġu lil provdituri awtorizzati li jżommu dawk ir-*records* operattivi, ta' ikkontjar, finanzjarji, statistiċi u tekniċi hekk kif jistgħu jiġu speċifikati fir-regolamenti, u li jibgħatu lir-Regolatur dawk id-dikjarazzjonijiet, prospetti u tagħrif ieħor hekk kif ir-Regolatur jista' jeħtieġ għat-twettieq tal-funzjonijiet tiegħu taħt dan l-Att jew hekk kif jista' jiġi speċifikat fir-regolamenti;

(b) jippreskrivi miżuri li jkollhom jittieħdu minn provdituri awtorizzati bil-għan li tiġi żgurata l-integrità invjolabbli tat-telekomunikazzjonijiet trasmessi u l-konfidenzjalità tagħhom u l-protezzjoni tal-privatezza dwar kull servizz ta' telekomunikazzjonijiet;

(ċ) jippreskrivi dawk il-miżuri li għandhom jittieħdu minn provdituri awtorizzati hekk kif jista' jkun meħtieġ li jittieħdu b'xi obbligazzjoni internazzjonali li jkollu l-Gvern;

(d) jippreskrivi d-drittijiet li għandhom jitħallsu minn provditur awtorizzat għal jew dwar xi awtorizzazzjoni taħt dan l-Att, inkluża r-reġistrazzjoni taħt l-artikolu 12 ta' dan l-Att kif ukoll id-drittijiet li għandhom jitħallsu lir-Regolatur għal servizzi mogħtijin minnu;

(e) jeħtieġu provditur awtorizzat jippubblika jew jikkaġuna li jiġi pubblikat direttorju u jipprovdi dwar kull ħaġa li jkollha x'taqsam ma' dawk id-direttorji;

(f) jipprovdi dwar kull ħaġa li għandha jew li tista' tiġi preskritta, jew li dwarha għandhom jew jistgħu jsiru regolamenti, taħt xi dispożizzjoni ta' dan l-Att.

(3) Regolamenti maghmulin taht dan l-artikolu jistghu wkoll —

(a) jehtieġu lil provditur awtorizzat jipprovdi servizzi ta' telekomunikazzjonijiet msemmija mir-Regolatur bhala obbligazzjonijiet ta' servizz universali b'dawk il-patti u kondizzjonijiet li jistghu jiġu hekk speċifikati, inkluži patti u kondizzjonijiet li tahthom is-servizzi ghandhom jiġu provduti bla profitt jew b'telf raġonevoli lill-provditur awtorizzat;

(b) meta l-obbligazzjoni li jiġu provduti obbligazzjonijiet ta' servizz universali tkun ġiet imposta fuq iktar minn provditur awtorizzat wieħed u l-ispejjeż addizzjonali ghall-provdiment ta' dak is-servizz, minn xi provditur wieħed jew iktar, tkun ogħla mid-dhul addizzjonali li jinkiseb minnhom, ir-Regolatur jista' jaghmel provdiment ghal dak il-proċess ta' finanzjament hekk kif jista' jidhirlu meħtieġ u xieraq sabiex jiżgura li r-responsabbiltajiet li jitnisslu minn dawk l-obbligazzjonijiet jinqasmu b'mod ġust mill-provdituri awtorizzati kollha li jkunu meħtieġa sabiex jipprovdu dak is-servizz.

8. Reati u Pieni

Reati u pieni.

34. (1) Kull min —

(a) jipprovdi servizz ta' telekomunikazzjonijiet jew jinstalla jew iħaddem infrastruttura ta' installazzjoni jew apparat tat-telekomunikazzjonijiet mingħajr awtorizzazzjoni taħt u skond xi dispożizzjoni ta' dan l-Att jew bi vjolazzjoni jew ksur ta' xi patt, kondizzjoni, restrizzjoni jew limitazzjoni imposti minn jew taħt dan l-Att jew fl-istrument li jkun fih l-awtorizzazzjoni; jew

(b) ibiegħ jew joffri ghall-bejgħ jew jipprovdi jew jinstalla jew juża xi installazzjoni jew apparat li ma jkunx konformi ma' dawk l-i*standards* tekniċi jew speċifikazzjonijiet hekk meħtieġa jew stabbiliti minn jew taħt dan l-Att, jew li jkun jaf, jew ikollu raġuni valida għaliex jobsor, li jkunu difettuži jew inkompatibbli mas-servizzi li jkunu inbiegħu, ġew provduti, installati jew użati għalihom; jew

(ċ) jikkostitwixxi, iservi, jimmantjeni, jibdel jew jikkontrolla xi apparat jew installazzjoni mingħajr ma jkollu l-kwalifiki meħtieġa għal dak l-għan minn jew taħt dan l-Att; jew

(d) juża xi infrastruttura jew apparat ta' telekomunikazzjonijiet provduti minn provditur awtorizzat għal

xi għan li ma jkunx dak li għalih ikun ġie provdut, jew jonqos milli josserva dawk l-istruzzjonijiet li jinħarġu minn provditur awtorizzat għall-użu sew ta' l-infrastruttura tat-telekomunikazzjonijiet jew tagħmir jew jagħmel użu minnu mhux sew,

ikun ħati ta' reat taħt dan l-Att u jista' jeħel multa ta' mhux iżjed minn ħamest elef lira u fil-każ ta' reat kontinwat multa ulterjuri ta' mhux iżjed minn ħames mitt lira għal kull jum li matulu jkompli r-reat.

(2) Kull min jagħti informazzjoni lir-Regolatur li huwa jkun jaf, jew ikollu raġuni valida li jobsor, li tkun falza, jew iwaqqaf jew jostruwixxi lir-Regolatur, fit-twettiq ta' xi funzjoni taħt dan l-Att, ikun ħati ta' reat taħt dan l-Att, u jista' jeħel, meta jinsab ħati, multa ta' mhux iżjed minn għaxart elef lira jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

(3) Kull min, għax ikun impjegat jew assenjat dmirijiet ma', jew imqabbad minn, xi provditur awtorizzat —

(a) jagħti xi informazzjoni dwar xi messaġġ li huwa jsir midħla tiegħu minħabba fil-kariga tiegħu lil xi persuna li ma jkollhiex jedd li tirċievi dik l-informazzjoni; jew

(b) xjentement jibdel jew iżomm xi messaġġ jew it-tismija tal-persuna li lilha jiġi trasmess jew indirizzat, mingħajr ebda raġuni valida; jew

(ċ) xjentement iħalli barra, idewwem jew jostruwixxi t-trasmissjoni jew il-kunsinna ta' xi messaġġ jew iħassar jew jeqred xi messaġġ jew applikazzjoni għat-trasmissjoni ta' xi messaġġ mingħajr raġuni valida; jew

(d) xjentement juri messaġġ bħallikieku intbagħat minn persuna li ma tkunx dik li bagħtitu jew bħallikieku jkun indirizzat lil persuna li ma tkunx dik indirizzata, jew applikazzjoni għat-trasmissjoni ta' messaġġ bħallikieku dik tkun saret minn persuna li ma tkunx il-persuna li tkun applikat, mingħajr raġuni valida; jew

(e) xjentement iħassar jew jeqred xi messaġġ li ma jkunx lilu indirizzat jew applikazzjoni għat-trasmissjoni ta' xi messaġġ, mingħajr raġuni valida; jew

(f) kontra l-liġi jirtira mill-kontroll ta' provditur awtorizzat, jew ta' individwu impjegat jew assenjat dmirijiet ma', jew

imqabbad minn, provditur awtorizzat, messaġġ li jkun indirizzat lil xi persuna ohra,

ikun ħati ta' reat taħt dan l-Att u jista' jeħel, meta jinsab ħati, multa ta' mhux iżjed minn għaxart elef lira jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

(4) Kull minn jaggredixxi jew jostruwixxi jew jimpedixxi lil xi uffiċjal, impjegat jew aġent ta' provditur awtorizzat fit-twettiq ta' dmirijietu ma' dak il-provditur awtorizzat ikun ħati ta' reat taħt dan l-Att u jista' jeħel, meta jinsab ħati, multa ta' mhux iżjed minn elf lira jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

(5) Mingħajr ebda preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, kull min jikser jew jonqos milli jħares xi dispożizzjoni ta' dan l-Att jew ta' xi regolamenti magħmulin jew ordni mogħtija permezz tagħhom, ikun ħati ta' reat kontra dan l-Att, u jeħel, meta jinsab ħati, multa ta' mhux iżjed minn mitt lira u fil-każ ta' reat kontinwat multa ulterjuri ta' mhux iżjed minn għoxrin lira għal kull jum li matulu jkompli r-reat.

Proċedimenti dwar reat.

35. (1) Ma għandu jinbeda ebda proċediment għal reat taħt dan l-Att mingħajr il-kunsens bil-miktub tar-Regolatur jew fuq talba tiegħu.

(2) Minkejja kull ħaġa li jista' jkun hemm fil-Kodiċi Kriminali, il-prosekuzzjoni tista' tagħmel appell quddiem Qorti ta' ġurisdizzjoni kompetenti kontra kull sentenza mogħtija fi proċedimenti dwar reat taħt dan l-Att.

Kap. 9.

TAQSIMA III

Tħassir, Riservi u Dispożizzjonijiet Transitorji

Tħassir ta' l-Att dwar il-Korporazzjoni Telemalta.

Kap. 250.

36. (1) B'seħħ minn dik id-data li l-Ministru jista' b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi li tkun data li tiġi wara d-data li fiha dan l-Att jibda jseħħ, u bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-Att, l-Att dwar il-Korporazzjoni Telemalta qiegħed b'dan jitħassar.

(2) Id-data stabbilita mill-Ministru għal dak it-tħassir hi f'dan l-Att imsejħa wkoll "id-data operattiva".

(3) Minkejja kull dispożizzjoni ohra ta' dan l-Att il-Korporazzjoni Telemalta għandha, sad-data operattiva, tkompli tiffunzjona u topera kif provdut fl-Att imħassar b'dan l-artikolu u

għandha wara ma tkomplix teżisti, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-Att.

(4) Minkejja d-dispożizzjonijet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, ir-regolamenti kollha u kull leġislazzjoni sussidjarja oħra magħmula taħt l-Att imħassar b'dak is-subartikolu għandhom jibqgħu fis-seħħ daqs li kieku kienu magħmula taħt dan l-Att u għandhom għal finijiet u għanijiet kollha jitqiesu bħala tali.

Liċenzi maħruġa taħt l-Att imħassar bl-artikolu 36.

37. (1) Kull liċenza jew awtorizzazzjoni legalment maħruġa jew mogħtija qabel id-data operattiva taħt l-Att dwar il-Korporazzjoni Telemalta u fis-seħħ f'dik id-data, għandha sa dik id-data tkompli fis-seħħ kif provdut bi jew taħt dak l-Att u, wara, għandhom ikomplu fis-seħħ u jkollhom effett dwar kull ħaġa li tenħtieġ awtorizzazzjoni taħt dan l-Att, bħallikieku dawn kienu inħarġu jew imgħataw taħt dan l-Att, b'dawk il-modifiki, addattamenti u limitazzjonijiet kif jista' jkun meħtieġ jew xieraq għal dak il-għan, u għandhom ikunu bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att daqslikieku kienu hekk maħruġa jew mogħtija.

(2) Mingħajr ebda preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu b'effett mid-data operattiva–

(a) ir-Regolatur, bħala suċċessur tal-Korporazzjoni Telemalta, għandu jkollu l-jeddijiet kollha, inklużi jeddijiet ta' azzjoni, u jassumi l-obbligi u d-djun kollha tal-imsemmija Korporazzjoni naxxenti minn jew relatati ma' xi liċenza jew awtorizzazzjoni u kull ftehim relatat, miżmuma fis-seħħ taħt dan l-artikolu; u

(b) id-drittijiiet kollha dovuti taħt jew dwar xi liċenza jew awtorizzazzjoni bħal dik, u li tkun dovuta fi jew wara d-data operattiva, għandhom ikunu dovuti u pagabbli lir-Regolatur f'isem il-Gvern.

Awtorizzazzjoni lill-kumpannija msemmija.

38. (1) Minkejja kull dispożizzjoni oħra ta' dan l-Att, ir-Regolatur jista' joħroġ favur kumpannija msemmija, awtorizzazzjoni taħt it-Taqsima II ta' dan l-Att taħt dawk il-patti u kondizzjonijiet, u li jagħti dawk is-setgħat u drittijiet ta' esklużività kif hu jista', bil-ftehim tal-Ministru, jiftiehem ma' dik il-kumpannija, u jipprovdi dwar dawk il-ħwejjeġ kollha kif hu jista', bil-ftehim tal-Ministru, iqis xierqa; u kull strument li jkun fih dik l-awtorizzazzjoni u dawk il-ħwejjeġ l-oħra fuq imsemmija, għandu jkollhom seħħ, effett u validità sħaħ:

Iżda ebda esklużività ma tista' tingħata taħt dan is-subartikolu ħlief kif provdut fl-artikolu 11 ta' dan l-Att.

(2) F'dan l-Att, "kumpannija msemmija" tfisser kumpannija msemmija bhala tali mill-Ministru ghall-finijiet ta' dan l-artikolu b'avviż pubblikat fil-Gazzetta.

Effett ta' l-artikoli 40, 41 u 42 ta' dan l-Att.

39. (1) B'sehh mid-data operattiva id-dispożizzjonijiet ta'l-artikoli 40, 41 u 42 ghandu jkollhom effett:

Iżda dawk l-artikoli ma ghandhomx japplikaw ghal xi liċenza jew awtorizzazzjoni miżmuma fis-sehh wara d-data operattiva bl-artikolu 37 ta' dan l-Att.

(2) Minkejja kull haġa ohra f'kull liġi ohra, jew f'xi att, kuntratt, strument jew dokument iehor ikun li jkun, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att ghandu jkollhom effett, u f'każ ta' konflitt bejn xi dispożizzjonijiet ta' l-artikoli 40, 41 u 42 ta' dan l-Att u d-dispożizzjonijiet ta' xi liġi ohra, jew kull haġa f'xi att, kuntratt, strument jew dokument iehor, ikun li jkun, id-dispożizzjonijiet ta' dawk l-artikoli ghandhom jipprevalu.

Trasferiment tal-kummerċ relevanti.

40. (1) B'effett mid-data operattiva, il-kummerċ relevanti kollu ikun trasferit lil u jvesti fil-kumpannija msemmija bis-sahha ta' dan l-Att.

(2) Il-"kummerċ relevanti" tfisser il-kummerċ tal-Korporazzjoni Telemalta, inkluż kull attiv u passiv tagħha (bla ħsara ghal proviso tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 39 ta' dan l-Att), ukoll kif aktar deskritt fid-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-Att.

(3) Il-kummerċ relevanti ghandu, mingħajr ebda preġudizzju ghall-ġeneralità ta' dak imsemmi qabel, jikkomprendi l-proprjetà kollha ta' kull xorta, mobbli jew immobbli, u kull dejn jew obbligazzjoni tal-korporazzjoni msemmija qabel relatati ghall-kummerċ tagħha kif ikun fid-data operattiva, kif ukoll kull dritt aċċessorju jew anċillari ghall-istess, inklużi kull ipoteka, privileġġ, sehem, pleġġerija jew dritt iehor li jiggarantixxi xi dritt jew obbligazzjoni ohra:

Iżda l-pagament dovut lill-Gvern taħt l-artikolu 24 ta'l-Att dwar il-Korporazzjoni Telemalta ma ghandux ikun aktar dovut fi jew wara d-data operattiva.

(4) Dwar kull proprjetà immobbli jew haġa ohra immobbli u kull dritt fi jew fuq proprjetà bhal dik, inklużi kull ipoteka jew privileġġ kompriżi fil-kummerċ relevanti, it-trasferiment u l-fatt li jkun ġie vestit fil-kumpannija msemmija ghandu jkollu effett mar-reġistrazzjoni fir-Reġistru Pubbliku ta' nota li jkun fiha l-isem tal-kumpannija msemmija u d-data operattiva u l-fatt li l-kummerċ relattiv jkun ġie trasferit mill-

Korporazzjoni Telemalta lill-kumpannija msemmija bis-saħħa ta' dan l-artikolu, minħajr il-ħtieġa li wieħed jimxi skond xi rekwiżit tal-liġi dwar il-partikolaritajiet u indikazzjonijiet oħra dwar il-ħaġa, proprjetà jew dritt kompriż fil-kummerċ relevanti jew skond kull formalità oħra jew rekwiżit ieħor; u l-proprjetà tkun imbagħad tista' tiġi reġistrata fir-Reġistru ta' l-Artijiet f'isem il-kumpannija imsemmija a bażi ta' dik in-nota.

(5) It-trasferiment ta' kull dritt, passività jew obbligazzjoni oħra jew ta' xi proprjetà jew ħaġa oħra kif imsemmi qabel –

(a) ma għandux jitqies bħala novazzjoni f'xi dritt bħal dak, f'xi passività bħal dik jew f'xi obbligazzjoni bħal dik, u kull dritt bħal dak, kull passività bħal dik u kull obbligazzjoni bħal dik għandhom ikomplu jkollhom sehh daqslikieku ma kienx hemm bdil fid-detentur, kreditur jew debitur tagħhom, u daqslikieku kienu dejjem drittjiet, passivitajiet jew obbligazzjonijiet tal-kumpannija msemmija;

(b) ma għandhomx jitqiesu bħala ksur ta' xi patt jew kondizzjoni, kemm statutorja jew kontrattwali jew jagħti lok għal xi teħid;

(ċ) ma għandux iġib l-invaliditá, il-ħelsien minn, jew ix-xoljiment ta' xi kuntratt jew pleġġerija;

(d) ma għandux jagħti lok għal pagament ta' xi lawdemju, rigal, penali jew ħlas ieħor li jkun.

(6) Xejn f'dan l-artikolu ma għandu jipprekludi lill-kumpannija msemmija milli titlob illi ssir nota f'xi reġistru relevanti fir-Reġistru Pubbliku jew fir-Reġistru ta'l-Artijiet, jew f'xi nota irreġistrata jew insinwata f'dawk ir-Reġistri, ta' dik ir-referenza jew annotazzjoni oħra hekk kif jista' jkun xieraq fiċ-ċirkostanzi.

Effetti addizzjonali għat-trasferiment tal-kummerċ relevanti.

41. (1) Bla ħsara għall-ġeneralità tad-dispożizzjonijet ta' l-artikolu 40 ta' dan l-Att, mat-trasferiment tal-kummerċ relevanti kif provdut f'dak l-artikolu–

(a) kull kuntratt relattiv għall-kummerċ relevanti fis-sehh fid-data operattiva u li fih il-Korporazzjoni Telemalta tkun parti

għandu, fi u wara dik id-data, ikompli jkollu effett u jiftihem daqs li kieku–

(i) il-kumpannija msemmija kienet parti fih minflok il-Korporazzjoni;

(ii) minflok kull riferenza (f'kull mod espressa u kemm jekk espressa jew impliċita) għall-Korporazzjoni kollha tiġi sostitwita, għal dak relattiv għal kull ħaġa li għandha ssir fi jew wara d-data operattiva, referenza għall-kumpannija msemmija;

(iii) minflok kull riferenza (f'kull mod espressa u kemm jekk espressa jew impliċita) għall-Bord, jew membru tal-Bord, tal-Korporazzjoni jew għal xi uffiċjal jew impjegat tagħha, kien hemm sostitwit dwar kull ħaġa li għandha ssir fi jew wara d-data operattiva, riferenza għall-bord, diretturi, direttur, uffiċjal jew impjegat tal-kumpannija imsemmija kif il-każ jista' jeħtieġ;

u d-dispożizzjonijiet tas-subparagrafi (ii) u (iii) ta' dan il-paragrafu għandhom japplikaw dwar kull kuntratt ieħor jew dokument ieħor dwar il-kummerċ relevanti u fis-seħħ fid-data operattiva kif japplikaw dwar kuntratti li fih il-Korporazzjoni Telemalta hi parti.

(b) kull pleġġerija li qabel id-data operattiva kienet teżisti favur il-Korporazzjoni bħala garanzija tal-pagament jew twettieq ta' xi debitu, passiv, jew obbligazzjoni għandha, fi jew wara d-data operattiva, tkompli teżisti a favur ta', u utiliżżabbli mill-kumpannija bħala garanzija tal-pagament jew twettieq ta' dak id-debitu, passiv jew obbligazzjoni;

(ċ) kull sentenza jew lode mogħtija a favur jew kontra l-Korporazzjoni dwar il-kummerċ relevanti qabel id-data operattiva u li ma tkunx kompletament sodisfatta f'dik id-data għandha fi jew wara dik id-data, tkun esegwibbli minn jew kontra il-kumpannija msemmija.

(2) Meta bis-saħħa tat-twettieq tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, kull dritt, responsabbiltà jew obbligazzjoni isir dritt, responsabbiltà jew obbliġazzjoni tal-kumpannija msemmija, dik il-kumpannija u kull persuna oħra għandha, fi jew wara d-data operattiva, ikollha l-istess drittijiet, poteri u rimedji biex tiżgura jew tinforza dak id-dritt, responsabbiltà jew obbligazzjoni daqslikieku kien f'kull żmien dritt, responsabbiltà jew obbligazzjoni tal-kumpannija msemmija, u kull proċeduri ġudizzjarji jew proċedura f'xi arbitraġġ jew rikors lil xi awtorità, pendenti minnufih qabel id-data operattiva minn jew kontra l-Korporazzjoni, għandhom, fi jew wara dik id-data, jitkomplew minn jew kontra l-kumpannija msemmija.

Setgħat tal-Ministru u eżenzjoni minn taxxa fuq dokumenti.

42 (1) Meta l-kummerċ relevanti jiġi trasferit kif provdut fl-artikolu 40 ta' dan l-Att, il-Ministru jista', b'ordni fil-Gazzetta, jestendi għall-kumpannija msemmija kull dispożizzjoni ta' liġi li qabel dak it-trasferiment kienet tapplika dwar il-Korporazzjoni Telemalta, suġġetta għal dawk il-kondizzjonijiet u dawk il-modifiki u riżervi u f'dak il-mod u għal dak iż-żmien kif hu jista' jidhirlu xieraq, u l-Ministru jista' wkoll b'ordni sussegwenti fil-Gazzetta jżid ma', jibdel jew jirrevoka kull ordni preċedenti, bla ħsara għal għemil ta' ordni ġdid taħt dan is-subartikolu.

(2) It-trasferiment tal-kummerċ relevanti lill-kumpannija msemmija għandu jkun eżenti mill-ħlas ta' taxxa fuq l-*income* u t-taxxa fuq dokumenti.

Emenda tal-Kap. 49.

43. (1) L-Ordinanza dwar it-Telegrafija mingħajr Fili (hawn aktar 'il quddiem msejħa "il-liġi prinċipali") għandu jkollha effett suġġetta għal dawk l-emendi kif murija fid-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu.

(2) Fit-tifsira ta' "Ministru" fl-artikolu 2 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "uffiċjal pubbliku" għandhom jidħlu l-kliem "uffiċjal pubbliku jew xi uffiċjal ta' korp ġuridiku mwaqqaf bil-liġi".

(3) L-artikolu 3 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:–

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu–

(i) minflok il-kliem "tal-Ministru, fil-każ ta' apparat tat-telegrafija mingħajr fili li ma jkunx apparat għar-riċezzjoni tax-xandir jew tal-Kummissarju tal-Pulizija fil-każ ta' apparat għar-riċezzjoni tax-xandir" għandhom jidħlu l-kliem "tal-Ministru"; u

(ii) il-kliem "jew tal-Kummissarju tal-Pulizija, skond il-każ" għandhom jitħassru;

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "l-awtorità li toħroġ din il-liċenza" għandhom jidħlu l-kliem "il-Ministru";

(ċ) fis-subartikoli (4) u (5) tiegħu minflok il-kliem "mill-awtorità li tkun ħarġet il-liċenza" u "tal-awtorità li tkun ħarġet il-liċenza" għandhom jidħlu l-kliem "mill-Ministru" u "tal-Ministru" rispettivament; u

(d) minnufih wara s-subartikolu (5) tiegħu għandu jiżdied is-subartikolu li ġej:–

"(6) Il-Ministru jkollu l-jedd li jitlob minn kull persuna li tikkummerċja jew li kienet tikkummerċja f'apparat tat-telegrafija mingħajr fili, tagħrif dwar il-magazzinar, xiri u bejgħ ta' dak l-apparat u tal-persuna jew persuni li lilhom dak l-apparat ikun ġie mibjugħ minn dik il-persuna; u jekk il-persuna li minn għandha t-tagħrif ikun ġie mitlub, jonqos li jagħti t-tagħrif mitlub, jew jagħti tagħrif falz jew mhux korrett, u jiġi muri li l-apparat tat-telegrafija mingħajr fili li kellu jkun fil-pussess tiegħu ma jingħatax rendikont xieraq minn dik il-persuna, jiġi preżunt li dak l-apparat ikun ġie mibjugħ minnu in kontravenzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu; u r-responsabbiltà li tinġieb prova mod ieħor, f'kull proċediment ċivili jew kriminali, taqa' fuq dik il-persuna.".

(4) Minflok l-artikolu 6 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan li ġej:–

"6 (1) Persuna li tkun ħatja ta' reat kontra din il-parti ta' din l-Ordinanza jeħel, meta jinsab ħati, multa ta' mhux inqas minn

mitt lira u mhux iżjed minn elf lira dwar kull apparat, u meta jinsab ħati t-tieni darba jew wara, multa ta' mhux inqas minn mitt lira u mhux iżjed minn elfejn lira jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il xahar, jew dik il-multa u dik il-priġunerija flimkien; u fuq talba tal-prosekuzzjoni l-Qorti tista' tordna li l-apparat jiġi kkonfiskat u kkunsinnat lill Ministru:

Iżda minkejja d-dispożizzjonijiet ta' qabel, il-Ministru jista' dwar reat li jsir għall-ewwel darba, jagħmel ftehim bil-miktub mal-ħati li permezz tiegħu dak il-ħati jħallas is-somma ta' mitt lira, u malli dak il-ftehim jiġi ffirmat mill-Ministru u mill-ħati u jsir il-ħlas ta' dik is-somma, kull responsabbiltà kriminali tal-ħati dwar dak ir-reat għandha tintemm; iżda wkoll li l-Ministru jista' jagħmel kull ftehim bħal dak suġġett għal li l-ħati jċedi favur il-Gvern l-apparat li dwaru jkun sar ir-reat.

(2) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, ebda azzjoni ma għandha tittieħed kontra xi persuna illi, għax ikollha liċenza tat-telegrafija mingħajr fili u tonqos li tħallas id-dritt stabbilit għat-tiġdid tagħha, tħallas, fi żmien tletin jum, jew dak il-perjodu itwal li l-Ministru jista' jippermetti, mit-talba bil-miktub biex tħallas, f'uffiċċju indikat f'dik it-talba, penali li tkun daqs darbtejn id-dritt tal-liċenza fil-każ ta' drittijiet tal-liċenza sa tnax-il lira, u ħamsa u għoxrin lira fil-każ ta' drittijiet ta' iżjed minn tnax-il lira, b'żieda mad-dritt dovut għat-tiġdid tal-liċenza.

(3) Meta tkun dovuta penali taħt is-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu jew tkun dovuta multa imposta taħt is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, liċenza maħruġa taħt din l-Ordinanza lill-persuna li minnha tkun dovuta ma għandhiex tkun dovuta sakemm, flimkien mad-dritt stabbilit, ma tħallasx ukoll il-penali jew il-multa dovuta kif imsemmi.".

(5) Fl-artikolu 8 tal-liġi prinċipali:

(a) minflok il-kliem "taħt din it-Taqsima ta' din l-Ordinanza," għandhom jidħlu l-kliem "taħt din it-Taqsima ta' din l-Ordinanza u mad-dispożizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili jew ma' xi regolamenti li jkunu saru taħtu," u minflok il-kliem "skond dawn ir-regolamenti:" għandhom jidħlu l-kliem "skond dawn ir-regoli u regolamenti:"; u

(b) fil-proviso tiegħu minflok il-kliem "Iżda l-Ministru jista' jeħles mill-obbligu meħtieġ f'din it-Taqsima ta' din l-Ordinanza" għandhom jidħlu l-kliem "Iżda l-Ministru jista' jeħles mill-obbligi kollha meħtieġa f'din it-Taqsima ta' din l-Ordinanza jew minn

parti minnhom" u minflok il-kliem "l-użu ta' apparat ta' telegrafija mingħajr fili mhux meħtieġ jew ma jkunx skond ir-raġuni." għandhom jidħlu l-kliem "ikun xieraq li jagħmel hekk."

(6) Fl-artikolu 9 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "li għandhom jitħallsu għal dan l-eżami:" għandhom jidħlu l-kliem "li għandhom jitħallsu għal dan l-eżami, il-kondizzjonijiet għall-ħruġ jew għarfien ta' ċertifikati għal operaturi u għassiesa u l-kondizzjonijiet għas-sostituzzjoni, sospensjoni, tħassir u alterazzjoni ta' ċertifikati ta' operaturi u għassiesa:".

(7) Fl-artikolu 12 tal-liġi prinċipali, minnufih wara s-subartikolu (2) tiegħu, għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(3) Dan l-artikolu m'għandux japplika dwar bastiment Malti b'reġistrazzjoni ta' *bareboat charter* f'reġistru barrani sakemm ikun hekk reġistrat.".

Emenda tal-Kap. 81.

44. Minflok il-paragrafu (b) ta' l-artikolu (2) ta' l-Ordinanza dwar l-Impjanti tas-Sistema ta' Komunikazzjoni ta' l-Elettriku u tat-Telegrafu għandu jidħol li ġej:–

"(b) fil-każ ta' xogħlijiet li għandhom x'jaqsmu ma' xi servizz ta' telefon jew telegrafija, ir-Regolatur hekk imsejjaħ taħt l-Att ta' l-1997 biex jirregola t-Telekomunikazzjoni, u kull persuna awtorizzat mill-istess Regolatur biex jinstalla jew jopera infrastruttura ta' telekomunikazzjonijiet jew biex jipprovdi servizz ta' telekomunikazzjonijiet taħt dak l-Att;".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 168 tas-16 ta' Diċembru, 1997.

MYRIAM SPITERI DEBONO
Speaker

RICHARD J. CAUCHI
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati